MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Appell Civili Numru. 1784/1984/1

**Reginald Micallef u Walter Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd.**
**u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta` Alf. Mizzi & Sons Ltd.**

**v.**

**Dr. Philip Sciberras LL.D. bhala rapprezentant tas-socjeta` "Sea Malta Company Limited" u din bhala trasportatrici tal-merkanzija importata mis-socjeta` Alf. Mizzi & Sons, bhala armatrici tal-vapur**

**RoRo Anglia, kif ukoll bhala proprjetarji tal-containers SMCU 220206/4 u SMCU 220243/9 u Godwin Abela u John Cavallo bhala diretturi u in rapprezentanza tal-kumpanija “The Cargo Handling Company Ltd.”**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Fil-21 ta’ Dicembru 1984 is-socjeta` attrici ipprezentat att tac-citazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc kontra z-zewg socjetajiet fuq imsemmija li bih premettiet hekk:

“Peress illi is-socjeta` Alf. Mizzi & Sons Ltd. importat minn Franza partita zraben li giet trasportata mis-Sea Malta fuq il-vapur RORO ANGLIA, kif jirrizulta mil-polza tal-Karigu DOK A.

Peress illi rrizulta li s-SEA MALTA stivaw il-partita zraben go zewg containers taghha li wahda minnhom kienet difettuza mhabba toqob fis-saqaf u x’imkien fil-kors tat-tragitt, jew wara li l-container nizlet Malta, dahlet kwantita` ilma fil-container u kkagunat hsara fil-merkanzija – kif jirrizultaw mis-survey maghmula mill-Institute of London Underwriters (DOK B) u mill-Mediterranean Survey Bureau Ltd.

Peress li ghal dan id-dannu is-socjeta` assikuratrici Guardian Royal Exchange Assurance plc, kif kienet obbligata hallset lis-socjeta` importatrici kumpens ta’ elfejn erba’ mija u ghaxar liri Maltin u sitta u tletin centezimi (Lm2410.36) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat (DOK C).

Peress li l-konvenuti nomine, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dan in-nuqqas.”

Premess dan kollu, s-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti nomine jew min minnhom jigu dikjarati responsabbli ghad-dannu fuq indikat u jigu kkundannati li jhallsu lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elfejn erba’ mija u ghaxar liri Maltin u sitta u tletin centezimi (Lm2410.36) bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament, bhala dannu soffert mill-

importatur u surrogat lill-attur nomine – bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

2. Iz-zewg socjetatjiet konvenuti kkontestaw il-kawza b'nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata minnhom separatament fl-14 ta' Jannar 1985. Is-socjeta` Sea Malta Company Limited eccepiet illi, in kwantu kienet diretta kontra taghha, it-talba tas-socjeta` attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi hija ma kienetx responsabbli ghall-hsarat reklamati mis-socjeta` attrici. Similment, is-socjeta` The Cargo Handling Company Ltd. eccepiet li t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra taghha, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-istess socjeta` kienet ikkonsenjat il-merkanzija fl-istess stat u ammont li rcevietu.

3. L-Onorabbli Qorti tal-Prim Awla Civili, liema Qorti ssucediet il-Qorti tal-Kummerc, ippronunzjat is-sentenza taghha fit-18 ta' Mejju 2001. Dik il-Qorti, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Ltd. u filwaqt li cahdet it-talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess socjeta`, laqghet it-talbiet ta' l-atturi nomine fil-konfront tas-socjeta` Sea Malta Company Limited u ghalhekk iddikjarat lil din l-ahhar imsemmija socjeta` responsabbli ghad-danni indikati fil-premessi tac-citazzjoni u kkundannat lill-istess socjeta`, li thallas lill-atturi nomine s-somma ta' elfejn mija u disa' u sittin lira u tnejn u tletin centezimu (Lm2,169.32) u dan bl-imghax legali mid-data tas-surroga u cioe` mis-6 ta' Gunju 1984. Fl-ahharnett, dik il-Qorti ordnat li l-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited, hlief ghall-ispejjez tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Ltd. li baqghu a karigu tas-socjeta` attrici.

4. L-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li *inter alia* kienet ikkonsidrat hekk:
"Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta illi l-merkanzija meritu ta' din il-kawza waslu f'Malta fuq il-vapur RoRo Anglia fl-4 ta' Dicembru tal-1983. Il-merkanzija giet trasportata u kienet mghobbija fuq zewg containers it-tnejn proprieta' ta' Sea Malta Company Limited u dan permezz ta' *bill of*

*lading* mahrug mis-Sea Malta. Il-merkanzija, li kienet tikkonsisti f'*bedroom slippers*, kienet issiggillata gewwa l-containers. Dawn il-containers inhattu f'Laboratory Wharf u damu fil-pussess tal-Cargo Handling Company Limited sakemm gew rilaxxati fil-bidu ta' Jannar 1984. Sa dan il-mument ma kien ghadu gie riskontrat ebda hsara fil-merkanzija stante li din kienet u baqghet issiggilata fil-containers kif jrirrizulta mid-dokumenti esebiti u cioe' mil-*bill of lading* Dokument "A" u *declaration and disposal order* mahrug mid-Dwana meta sar ir-rilaxx.

"Jirrizulta wkoll illi meta l-importatur Alf. Mizzi and Sons ha l-konsenja tal-merkanzija u din il-merkanzija nhattet mill-containers, instab li parti mill-merkanzija f'wiehed mill-containers kellha hsarat konsistenti f'tixrib. Sar survey mill-ewwel mill-Mediterranean Survey Bureau u rrizulta illi l-container kellu zewg toqob fis-saqaf tieghu li minnu nizel l-ilma gol-container bil-konsenja li sar it-tixrib. Irrizulta wkoll illi l-container kienu proprjeta' tas-Sea Malta u ghalkemm meta sar is-survey u l-merkanzija kienet gia nhattet, irrizulta wkoll illi l-merkanzija danneggjata kienet harget mill-container li kellu fih it-toqob. Edward Gatt rapprezentant ta' Alf Mizzi and sons ikkonferma li gie msejjah fil-warehouse meta kien qed jinhatt ix-xoghol u seta' jikkonstata illi l-merkanzija danneggjata nharget mill-container li kellu t-toqob. Ix-xhud Peter Bonello ghall-Cargo Handling xehed illi l-merkanzija giet rilaxxjata fil-container kif kienet iddahhlet fil-port. Fil-perjodu li damet fil-pussess tal-Cargo Handling l-container baqa' kif wasal Malta.

"F'dan il-kuntest allura, din il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-Perit Legali illi l-kagun tal-hsara subita fil-merkanzija hu ovvju u cioe' illi wiehed mill-containers proprieta' tad-ditta Sea Malta Company Limited, kellu hsara fis-saqaf tieghu bil-konsegwenza li ilma, jew tax-xita jew tal-bahar, dahal fil-container u ddanneggja l-merkanzija destinata lil Alf. Mizzi and sons.

"Jidher car illi d-ditta Cargo Handling ma kellha ebda responsabbilta' fil-kwistjoni. Ma hemm ebda prova li l-hsara grat b'xi htija taghha w anke jekk l-ilma dahal mix-

xita li nizlet waqt li l-containers kienu fil-pussess tal-Cargo Handling, dan ma jitfa ebda htija fuq il-kumpanija.

“Minn naha l-ohra jerga’ jinghad illi l-hsara grat minhabba li l-merkanzija ngarret f‘container li kellu xi toqob fis-saqaf tieghu. U allura s-socjeta’ konvenuta Sea Malta Company Limited ghandha tinzamm responsabbli ghall-hsarat li garrbet is-socjeta’ Alf. Mizzi and Sons meta ghabbiet il-merkanzija fi proprieta’ taghha li ma kenitx idonea u kienet difettuza. Ghaldaqstant is-Sea Malta Company Limited ghandha tirrispondi ghall-hsarat sofferti.

“Dwar id-danni subiti, mill-provi rrizulta illi Alf. Mizzi and Sons thallset is-somma ta’ Lm2410 ghall-hsarat sofferti w id-ditta assikuratrici attrici giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-istess kumpanija. Dan l-ammont kien jikkonsisti fil-valur tal-merkanzija danneggjata, l-*import duty charges*, u 10% li hu l-profitt bil-ligi.

“Id-ditta Sea Malta eccepiet li anki jekk tinstab responsabbli, ma tistax tinzamm responsabbli ghal danni konsegwenzjali bhal *import duty* u dan a tenur tal-kondizzjoni 5 tal-polza ta’ karigu li teskludi *indirect or consequential loss*. Ix-xhud Alfred Mizzi xehed illi l-ammont ta’ risarciment cioe’ Lm2410.36 kien jinkludi fih il-valur tal-merkanzija, il-valur ta’ l-*import duty* u profit mitluf ta’ 10%. Hu ma specifikax kull ammont dovut ghal rasu.

“F’dan il-kuntest din il-Qorti tikkondividi l-konkluzzjoni tal-Perit Legali u cioe’ illi l-klawsola ta’ eskluzjoni miftiehma bejn il-partijiet tapplika biss ghal telf ta’ profitt stante li dan il-profitt ma ghandux jitqies bhala telf attwali izda semmai konsegwenzjali ghal fatt li ma seta’ jsir ebda bejgh bi profitt ta’ l-oggetti bil-hsara. Minn naha l-ohra pero’ l-*import duty* li thallas mid-ditta importatrici kien telf dirett mizjud mal-valur tal-merkanzija mitlufa u ghalhekk il-klawsola numru 5 ma tapplikax ghalih. Ghaldaqstant mill-ammont mitlub ta’ Lm2410.36 ghandu jitnaqqas biss it-telf ta’ 10% cioe’ Lm241.04 biex b’hekk il-valur tal-hsarat ghall-finijiet ta’ din il-kawza qed jigi likwidat fl-ammont ta’ Lm2169.32.”

**II. L-APPELL**

5. Is-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited hassitha aggravata minn din is-sentenza. Ghalhekk hija intavolat appell minnha quddiem din il-Qorti b'rikors ta' appell li gie prezentat fil-5 ta' Gunju 2001. Din is-socjeta` appellanti spjegat ir-ragunijiet ta' l-appell taghha u talbet lil din il-Qorti joghogobha:

"1. Tirrevoka d-decizjoni tat-18 ta' Mejju, 2001 fuq imsemmija in kwantu ghad-dikjarazzjoni ta' responsabbilita` kontra s-socjeta` Sea Malta Company Limited ghall-ammont ta' elfejn, mija u disgha u sittin Lira u tnejn u tletin centezmu (Lm2,169.32) u ghal kundanna ghall-hlas ta' l-ispejjez mill-istess socjeta`;

2. tikkonferma din l-istess decizjoni fir-rigward tad-danni konsegwenzali; u

3. tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha."

6. Mill-ezami tal-process jirrizulta illi la s-socjeta` attrici u lanqas is-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Ltd. ma pprezentaw l-ebda risposta ghall-appell li gie interpost mis-socjeta` appellanti Sea Malta Company Limited.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

7. Il-fatti l-aktar saljenti li taw lok ghal din il-kawza jinsabu migbura fis-sentenza appellata, riportata fil-paragrafu 4. supra. Jizdied jinghad hawn li l-assigurat tas-socjeta` attrici cioe` s-socjeta` Alf. Mizzi & Sons Ltd. importat minn Marsilja hames mija u tlett (503) kaxxi kontenenti *bedroom slippers* li tghabbew f'Marsilja fuq il-vapur RoRo Anglia u jirrizulta li din il-merkanzija tpoggiet gewwa zewg *containers* tas-Sea Malta li jgibu n-numri SMCU 22026/4 u SMCU 220243/9. Jirrizulta li l-vapur dahal Malta fl-4 ta' Dicembru 1983. Jirrizulta wkoll li l-*containers* infethu fit-3 ta' Jannar 1984 u dak in-nhar giet konstatata l-hsara fil-merkanzija li tidher mis-*survey report* maghmul mill-*Institute of London Underwriters* u li huwa esebit bhala

dokument B a fol. 6 *et sequitur* tal-process. Il-*containers* damu fil-kustodja tas-socjeta` The Cargo Handling Company Ltd. ghal numru twil ta' granet u dawn kienu mizmuma fl-apert. Gie konstatat li l-hsara fil-merkanzija instabet biss fil-kaxxi li kienu stivati fil-*container* numru SMCU 220243/9. Mix-xhieda ta' Victor Farrugia, li vverifika l-hsara ghan-nom tal-Mediterranean Survey Bureau, u li gie nkarigat biex jaghmel is-survey mis-Sea Malta Company Limited, jirrizulta li f'dan l-ahhar imsemmi *container* gew notati zewg toqob fis-saqaf tieghu. Intqal li kien hemm toqba wahda fil-15th *ridge* u ohra 18th *ridge*. Ix-xhud ftakar li dawn it-toqob kienu ta' diametru ta' mhux aktar minn zewg centimetri. It-toqob kienu lejn in-nofs u lejn il-bibien. Jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubbju li l-hsara fil-merkanzija stivata f'dan il-*container* grat ghaliex dahal l-ilma minn dawn it-toqob u xarrab il-merkanzija. Mix-xhieda ta' Joseph Mifsud, li huwa l-kap tal-*Metereological Office* ta' Hal Luqa, gie stabbilit li fix-xahar ta' Dicembru 1993 kien nizel ammont kbir ta' xita li kienet bejn wiehed u iehor tlehhaq nofs ix-xita kollha li tinzel normalment f'sena shiha. Mid-dokument a fol. 8 tal-process jirrizulta li s-surrogat tas-socjeta` attrici rcieva s-somma ta' elfejn erba' mija u ghaxar liri u sitta u tletin centezimu (Lm2,410.36) ghal hsara li garrab f'din il-merkanzija. *In oltre* huwa debitament issurroga lis-socjeta` attrici fid-drittijiet tieghu. Din l-ahhar imsemmija socjeta` qeghdha tirriklama din is-somma minghand is-socjeta` Sea Malta Company Limited li garret il-merkanzija fil-*containers* taghha stess, kif ukoll kienet l-armatrici tal-vapur li gar il-merkanzija. Il-kawza qeghda wkoll issir kontra s-socjeta` The Cargo Handling Company Ltd., li kellha taht il-kustodja taghha l-*container* in kwistjoni qabel dan gie rilaxxjat ta' l-importatur.

8. L-ewwel Onorabbli Qorti sabet responsabbli biss lis-socjeta` Sea Malta Company Limited ghall-hsarat fil-merkanzija in kwistjoni minhabba li din kienet issupliet *container* difettuz ghax kien imtaqqab fis-saqaf tieghu u li minnu dahal l-ilma u ghamel hsara ta' tixrib lill-merkanzija. Ghalhekk, dik il-Qorti, filwaqt li laqghet l-ewwel talba ta' l-atturi nomine fil-konfront ta' din is-socjeta`, pero` rriduciet it-tieni talba billi kkundannat lis-socjeta` Sea Malta

Company Ltd. li thallas is-somma ta’ Lm2,169.32 bhala danni, u dan bl-imghax legali mid-data tas-surroga cioe` mis-6 ta’ Gunju 1984.

9. Is-socjeta` appellanti qeghdha tikkontesta r-responsabbilita` taghha ghall-hsarat ta’ tixrib li garrbet il-merkanzija in kwistjoni ghaliex qeghdha tallega li l-provi li tressqu mis-socjeta` attrici ma ssodisfawx l-onus tal-prova li kien jinkombi fuqha. Is-socjeta` appellanti, fl-ewwel lok, ressqet l-aggravji taghha fil-kapacita` taghha bhala *carrier* tal-merkanzija in kwistjoni. F’dan il-kuntest is-socjeta` appellanti ssottomettiet hekk:
“Is-socjeta` esponenti tista’ tinzamm responsabbli ghall-hsarat jew nuqqasijiet li tkun garrbet il-merkanzija li tkun ingarret minnha jekk tali hsarat jew nuqqasijiet ikunu avveraw ruhhom waqt li l-merkanzija tkun taht il-kustodja taghha. L-esponenti, umilment tissottometti li l-merkanzija tibqa’ taht ir-responsabbilta` taghha sal-mument li dawn jinzlu minn fuq il-vapur u ghalhekk jghaddu fil-kustodja tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. L-istat li fiha tkun tinsab il-merkanzija meta titnizzel l-art tigi kristallizzata permezz tat-tally sheet relattiva u r-rimarki li jitnizzlu f’din it-tally sheet jitqiesu bhala prova cara tal-hsarat jew nuqqasijiet li avveraw ruhhom matul id-durata tal-vjagg u cioe` waqt li l-merkanzija tkun taht il-kustodja tas-socjeta` esponenti.

“F’dan ir-rigward, l-esponenti umilment tissottometti li t-tally sheet relattiva ghall-vjagg mertu ta’ din il-kawza turi li l-merkanzija in kwistjoni tnizzlet f’Malta kollha fi stat tajjeb. Ghaldaqstant, din it-tally sheet tikkostitwixxi, *prima facie*, prova li l-merkanzija in kwistjoni twasslet Malta minghajr il-hsarat li qed jigu reklamati mis-socjeta` attrici.

“Ghaldaqstant, l-onus tal-prova jdur fuq is-socjeta` attrici biex turi li fil-fatt il-hara minnha reklamata saret waqt li l-merkanzija kienet taht il-kustodja ta’ l-esponenti. L-esponenti bir-rispett tissottometti li f’dan ir-rigward, l-onus tal-prova ma giex sodisfatt.

“Is-socjeta` attrici resqet lil Joseph Mifsud bhala l-Head tal-Meteorological Office biex jaghti x-xhieda tieghu dwar

ix-xita li setghet ikkawzat il-hsarat fil-merkanzija in kwistjoni. Madanakollu, dan ix-xhud xehed biss dwar ix-xita li nizlet waqt li l-merkanzija kienet qeghdha Malta u ma semma xejn dwar ix-xita li setghet nizlet waqt li l-merkanzija kienet qed tigi traspostata lejn Malta mill-esponenti.

“Xhud iehor imressaq mis-socjeta` attrici, Victor Farrugia li kien is-surveyor li ezamina l-hsarat in kwistjoni, qal illi ma kien sar l-ebda analizi dwar jekk l-ilma li kkawza l-hsara kienx wiehed tax-xita jew tal-bahar u ghalhekk tonqos il-prova li setghet tizvela jekk il-hsara saritx minn ilma bahar li seta’ dahal fil-merkanzija in kwistjoni waqt it-tragitt.

“Barra minn hekk, ix-xhud Peter Bonello, li huwa r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta Cargo Handling Co. Ltd. xehed hekk:

“Fid-‘declaration and disposal order’ li tohrog mid-dipartiment tal-Port jirrizulta illi l-Customs irrilaxxaw il-merkanzija bhal ma ghamilna ahna minghajr rimarki.”

“Ghalhekk wiehed jista’ jeskludi kull responsabbilita` fir-rigward tas-socjeta` esponenti waqt li l-merkanzija in kwistjoni kienet taht il-kustodja taghha.”

10. Din il-Qorti fliet akkurament il-provi akkwiziti fil-process u sostanzjalment taqbel mas-sottomissjonijiet imsemmi fil-paragrafu precedenti li qeghdha taghmel is-socjeta` appellanti <u>in kwantu din tinsab imharrka bhala trasportatrici tal-merkanzija in kwistjoni</u>. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li s-socjeta` attrici ma rnexxielhiex tipprova soddisfacentment li s-socjeta` appellanti, fil-vesti taghha bhala carrier tal-merkanzija in kwistjoni, hija responsabbli ghall-akkadut. Madanakollu jirrizulta li s-socjeta` appellanti ma gietx imharrka biss f’din il-vesti, <u>izda giet mharrka wkoll bhala sid tal-*containers* li fihom kien hemm stivata l-merkanzija meritu tal-proceduri odjerni</u>. Is-socjeta` appellanti, in kwantu hekk imharrka, spjegat l-aggravju taghha b’dan il-mod:
“Il-provi mressqa mis-socjeta` attrici juru li fil-fatt il-merkanzija in kwistjoni garrbet xi hsarat u li tali hsarat

graw b'konsegwenza ta' tixrib minn ilma. Madanakollu, l-esponenti umilment tissosttometti li tali prova m'hijiex bizzejjed biex tissodisfa l-oneru tal-prova li tinkombi fuq is-socjeta` attrici u cioe` dik li turi li jezisti ness prossimu bejn xi assjoni jew ommissjoni ta' l-esponenti u d-dannu allegat. Is-socjeta` attrici ma lahqetx il-grad ta' provi mehtiega u l-kaz taghha jhalli lakuni u dubbji li ma jistghux jigu injorati. Dawn il-lakuni u dubji huma diversi u ser jigu hawn taht elenkati:

- il-vapur RoRo Agnlia wasal Malta fl-4 ta' Dicembru, 1983 u kif gie rrilevat mill-ewwel Onorabbli Qorti stess, il-containers inhattu f'Laboratory Wharf u damu fil-pussess tal-Cargo Handling Company Limited sakemm gew rilaxxati fil-bidu ta' Jannar 1984. Dan ifisser illi dawn il-containers ghamlu xahar shih f'Laboratory Wharf, ghall-apert, u bla ebda protezzjoni la kontra l-elementi tan-natura u lanqas kontra l-ghemil tal-bniedem.

Qatt ma tresqet l-ebda prova biex jigi spjegat il-hala dawn il-containers thallew fl-apert ghal xahar shih. Mhux talli hekk, anzi, meta Victor Farrugia gie mistoqsi jekk kienx irrizultalu l-ghala r-ricevitur dam biex jigbor il-container mill-Laboratory Wharf, fix-xhieda tieghu huwa rrisponda fin-negattiv.

- ix-xhud Victor Farrugia, is-surveyor, innota li t-toqob li sab fil-container kienu "ta' "diameter" mhux aktar minn 2cms" izda ma ddeskriva l-ebda dettalji ohra li juru li dawn iz-zewg toqob zghar saru fil-fatt waqt li kienu taht il-kustodja tas-socjeta` esponenti u minhabba xi nuqqas ta' 'anutenzjoni minn naha taghha. Anzi, huwa spjega illi "mhux normali li l-container ikollu dawn it-toqob".

Ghaldaqstant, din ix-xhieda hija wahda dghajfa u bl-ebda mod ma tikkostitwixxi prova cara li dawn iz-zewg toqob gew ikkawzati minn xi azzjoni jew ommissjoni imputabbli lis-socjeta` esponenti.

- ix-xhud Edward Gatt xehed hekk:

“Hadt ritratti tas-saqaf tal-container pero` ma nafx fejn qeghdin.”

Ix-xhieda tieghu tkompli tidher iktar dubbjuza meta, kontra dak li xehed is-surveyor Victor Borg, huwa xehed illi “kien hemm bosta toqob, xi sitta”.

Dawn il-kontradizzjonijiet u dubji ma jirriflettux tajjeb fuq il-kwalita` ta’ prova migjuba mis-socjeta` esponenti.”

11. Is-socjeta` appellanti qeghdha tilmenta li s-sentenza appellata akkollatilha r-responsabbilta` sempliciment fuq il-bazi li l-*container* in kwistjoni kien jappartjeni lilha. Is-socjeta` appellanti qeghdha tilmenta li fis-sentenza appellata ma saret l-ebda referenza ghal-ligi applikabbli u cioe` l-Artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. Qeghdha tissottolinea li s-socjeta` attrici ma ressqet l-ebda prova cara biex turi li l-fatt li kkaguna l-hsara in kwistjoni kien imputabbli lis-socjeta` appellanti, meta l-onus tal-prova f’dan ir-rigward kien jinkombi unikament fuqha. Is-socjeta` appellanti ziedet tghid li hija m’hijiex tenuta taghmel tajjeb ghad-danni li m’humiex l-effett immedjat u dirett ta’ xi nuqqas taghha u ghaldaqstant l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed zbaljat.

12. Din il-Qorti ma tistax tilqa’ dana l-aggravju tas-socjeta` appellanti. Jirrizulta bla ebda ombra ta’ dubju li l-hsara fil-merkanzija grat unikament minhabba li dahal l-ilma mis-saqaf tal-*container* li fih kienet stivata. Dan il-*conatiner* irrizulta li huwa ta’ proprjeta` tas-socjeta` appellanti. Irrizulta wkoll li l-istess *container* kellu xi toqob fis-saqaf u skond ix-xhud Edward Gatt (ara fol. 93 tal-process) fejn kienu dawk it-toqob kien hemm is-sadid. Din ix-xhieda ta’ Edward Gatt ma giet kontradetta minn hadd. Is-sadid huwa evidentement sinjal car li l-*container* ma nghatax dik il-manutenzjoni mehtiega biex taghmlu dejjem idoneju ghall-garr tal-merkanzija, skond l-uzu u d-destinazzjoni tieghu. M’hemmx dubbju li container huwa intiz specifikatament biex jingarr u jinzamm fl-apert u allura espost ghall-elementi, fosthom ix-xita. Jirrizulta sodisfacentment li s-socjeta` appellanti offriet ghat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni dan il-*container*

nonostante li dan kellu difett serju. Anke jekk l-ilma dahal gol-*container* u xarrab il-merkanzija waqt li l-istess *container* kien mizmum fl-apert taht il-kura u l-kustodja tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Ltd., xorta wahda r-responsabbilita` ghall-hsara li garrbet il-merkanzija taqa' fuq is-socjeta appellanti ghaliex kienet din l-ahhar imsemmija socjeta` li pprovdiet mezz tat-trasport inadekwat u diffettuz ghall-garr tal-merkanzija in kwistjoni. Tant huwa hekk illi l-merkanzija l-ohra li ngarret fil-*container* l-iehor, li ma kien fih l-ebda toqob u l-ebda difett, ma gralha l-ebda hsara nonostane li l-istess *container*, bhall-*container* l-iehor, kien espost ghall-elementi ghall-istess numru konsiderevoli ta' granet, meta kien taht il-kustojdja tas-socjeta` konvenuta l-ohra.

13. Is-socjeta` appellanti qeghdha tippretendi li hija tista' tinstab responsabbli ghall-hsara biss jekk jirrizulta sodisfacentement li il-hsara fil-merkanzija tkun grat waqt id-durata proprja tat-tragitt. Evidentement din hija sottomissjoni skorretta ghaliex is-socjeta` appellanti mhux biss garret il-merkanzija, izda garret il-merkanzija f'*container* taghha stess, liema *container* irrizulta li kien difettuz u li kien proprju minhabba dan id-difett li grat il-hsara fil-merkanzija meritu tal-kawza. Ghalhekk jirrizulta provat li s-socjeta` appellanti ma uzatx il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja meta provdiet dan il-*container* difettuz ghall-garr tal-merkanzija u ghalhekk l-istess socjeta` appellanti hija responsabbli ghad-danni konsegwenzjali. L-ewwel Qorti llikwidat dawn id-danni fl-ammont ta' elfejn mija u disa' u sittin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm2,169.32) u dwar din il-likwidazzjoni ma sar l-ebda appell. Konsegwentement l-appell ma jistax jintlaqa'.

14. Ghal dawn il-motivi, prevja li tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu tas-socjeta` appellanti Sea Malta Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------